# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2023

**Rik. Gur. Nru.: 367/2023 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**PB**

**Vs**

**AB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' PB datat 28 ta' Gunju 2023 , a fol 1 et seqq., fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. *Illi huwa zzewweg lill-intimata AB fil-hamsa u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgha u sebghin (25.05.1974) gewwa il-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Appostlu Missierna San Pawl gewwa l-Belt Valletta u z-zwieg ta' din il-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv elf tlett mija tnejn u disghin tas-sena elf disa' mija erbgha u sebghin (1392/1974) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A);*

2. *Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Sam Abela tas-sittax ta' Gunju tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (16/06/2023) – (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni – Dok B).*

3. *Illi ulied il-partijiet huma maggorenni;*

4. *Illi ghaddiet aktar minn sena mid-data tas-separazzjoni, anzi ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar tletin sena u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet*

5. *Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti PB jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma AB hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ipprezentat l-affidavit taghha (Vide Fol 17).

Rat ix-xhieda bil-gurament:

Rat in-nota kongunta tal-partijiet (Vide Fol 21) fejn il-partijiet idikjaraw li ma fadlilhomx aktar provi xi jressqu u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 11) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-25 ta' Mejju 1974 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggiorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta separazzjoni personali in atti tan-Nutar Sam Abela datat 16 ta' Gunju 2023 izda l-kontendenti ilhom separati *de facto* ghal dawn l-ahhar tletin sena. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-kontendenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment.

L-intimata xehdet (Vide Fol 17) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Mejju 1974, liema zwieg jgib certifikat numru 1392/1974 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in att tan-Nutar Sam Abela  datat 16 ta' Gunju 2023 izda l-kontendenti ilhom separati *de facto* ghal dawn l-ahhar tletin sena (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxiela tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1392/1974 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqgu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**